Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2012/C 377/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

Paġna 66

Il-paragrafu li ġej huwa miżjud wara "**1302 Linef u estratti veġetali; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u mucilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali**":

"Estratti veġetali tal-intestatura 1302 huma materji veġetali nejjin mhux maħduma miksuba pereżempju, mill-estrazzjoni tas-solventi li mhumiex ipproċessati jew modifikati kimikament aktar. Madankollu, l-addittivi inerti (pereżempju l-aġenti antiagglomeranti) u l-ipproċessar relatat mal-istandardizzazzjoni, jew it-trattament fiżiku, bħal pereżempju it-tnixxif jew il-filtrazzjoni, huma permessi."

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.